PDF Compressor Pro



# Il-Milied f'Għajnsielem

L-temp sabiħ ta' lejliet il-Milied ġiegħel ħafna Għajnselmiżi jħallu djarhom u jgawdu l-purċissjoni ta' Ġesù Bambin, li tiġi organizzata kull sena mill-fergħat tas-Soċjetà tal-MUSEUM f'Għawdex b'mod speċjali f'Għajnsielem.

Din is-sena l-purċissjoni bdiet minn Pjazza Tolfa. Tfal u adulti, flimkien mal-Banda San Ġużepp, akkumpanjaw lil Ġesù Bambin li għadda minn Triq Bengażi għall-Pjazza Indipendenza u finalment spiċċa fil-pjazza prinċipali.

Wara l-istess fergħa tas-Soċjetà tellgħet programm imżewwaq ħafna fil-Knisja Parrokkjali.

Il-purċissjoni tradizzjonali kienet introdotta mill-fundatur tas-Soċjetà tal-MUSEUM, Dun Gorg Preca, illum Qaddis, fl-1921, fil-Ħamrun.

Tradizzjoni oħra tal-Milied Malti hija l-priedka li normalment issir minn tifel waqt il-quddiesa ta' nofs-il-lejl u li din is-sena fil-Knisja Arċipretali t'Għajnsielem, spiċċa biex għamilha Jeremy Galea.

Il-Konċelebrazzjoni tmexxiet mill-Arċipriet il-Kanonku Frankie Bajada, li bdiet bil-purċissjoni ta' Ġesù tarbija akkumpanjati mill-kant tal-innu popolari *Adeste Fidelis*.

Waqt din il-quddiesa ttella' fuq it-taraġ tal-artal maġġur is-Salib li se jitpoġġa fuq il-lanterna tal-koppla tal-Knisja, wara illi din ġiet restawrata mill-ġdid. Saret ukoll iċ-ċerimonja tat-tberik ta' dan is-Salib.



*Il-purċissjoni tal-Bambin f'Għajnsielem*



*Ritratt ta' fuq: L-Arċipriet, il-Kanonku Frankie Bajada jbierek is-Salib li ser jittella' fuq il-lanterna tal-koppla tal-Knisja Parrokkjali*



*Jeremy Galea waqt il-Priedka tat-tifel*



*Waqt il-programm fil-Knisja Parrokkjali. Tidher Elisa Cordina tkanta silta mużikali Ninni La Tibkix Iżjed fuq is-saxaphone*

**MINN GĦAWDEX** ma' **Charles Spiteri**





*Anton Galea (lemin) is-Segretarju tal-Għaqda juri u jispjega fid-dettal ix-xogħol li sar fuq il-Presepju esebit, magħmul mill-jeans, minn Marvic Muscat mix-Xagħra*

## Il-Wirja Annwali tal-Presepji u Grotti

F'waħda mis-swali tal-bini tal-Ministeru għal Għawdex, nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru, ġiet miftuħa uffiċjalment il-25 Wirja Annwali tal-Presepji u Grotti, mill-Ministru Giovanna Debono u mbierka mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex.

Il-Kav. Joe M. Attard, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Għaqda, fisser kif l-"Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta" xerdet u ppropogat l-idea ta' Presepju f'kull dar permezz ta' *lectures* u dimostrazzjonijiet dwar kif jinbena l-Presepju f'diversi lokalitajiet.

Joseph Galea, President, ta l-messaġġ tiegħu tal-okkażjoni. Il-Ministru Debono għal darb'oħra faħħret il-ħila kbira tal-esibituri, fosthom it-tfal tal-iskola li wrew il-kapaċità fix-xogħol tagħhom. Spikka x-xogħol tat-tafal u t-terrakotta.

Interessanti ħafna kien il-presepju magħmul mill-Jeans. Il-wirja baqgħet miftuħa għall-pubbliku sal-Ħadd 3 ta' Jannar.



*Mons. Isqof Mario Grech jifli l-presepji esebiti fil-preżenza tas-Segretarju Privat tiegħu, Dun Eddie Zammit*



*Waqt is-Servizz ta' kant fil-Knisja Parrokkjali tal-Fontana. Jidhru mix-xellug Canon Simon Godfrey, Mons. Isqof Mario Grech u l-Kappillan il-ġdid tal-Fontana, Dun Joseph Bajada*

## Servizz ta' Kant fil-Fontana

Fi żmien il-Milied, il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex organizza Servizz ta' kant ta' għanjiet tal-Milied kif ukoll qari ta' siltiet mill-Iskrittura relatati mat-tħabbira u t-twelid ta' Ġesù. Din is-sena dan sar fil-Knisja Parrokkjali tal-Fontana.

Is-servizz tmexxa mill-Isqof t'Għawdex, Mons. Mario Grech waqt li ħa sehem ukoll il-*Pastor* tal-Anglikani f'Malta, *Canon* Simon Godfrey.

Fil-messaġġi li taw, it-tnejn fakkru t-twelid tal-Messija fil-għar ta' Betleħem elfejn sena ilu, b'enfasi għal dak li qed jiġri fid-dinja materjalista tal-lum.

Il-kant u d-daqq tmexxa minn David Fenech u sħabu, waqt li grupp ta' residenti barranin bl-isem ta' *Ghawdex Hand Bell Ringers* ukoll daqqew diversi *carols* fuq il-qniepen intonati tagħhom.



*Għawdex Hand Bell Ringers waqt id-daqq tad-diversi carols fuq il-qniepen intonati tagħhom*

Wara, dawk kollha preżenti kienu mistiedna għal riċeviment ipprovdut mill-Kunsill Lokali tal-Fontana fis-Sala tal-Kunsill li tinsab ħdejn il-Knisja.